MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1180/2003

**Jeanette Polkey ammessa ghall-beneficcju ta' Ghajnuna Legali b' digriet Numru 49/03 u awtorizzata tistitwixxi dina l-kawza b' digriet tas-Sekond' Awla Numru 1239/03**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno nominati b' digriet tal-1 ta' April 2002 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Simon John Polkey u d-Direttur tas-Sigurita' Socjali ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija mizzewga lill-konvenut Simon John Polkey u ghandhom tifla Lauren Jane ta' 9 snin;

Illi fl-1 ta' Marzu 2002 il-konvenut telaq minn Malta w abbanduna l-familja;

Illi l-konvenut ikkommetta ngurji gravi w adulterju fil-konfront tal-attrici w iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata biex tistitwixxi din il-kawza;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut minhabba adulterju, ingurji gravi w abbandun;

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tifla minuri Lauren Jane;

3. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintha ad eskluzjoni tal-konvenut Simon John Polkey;

4. Tordna c-cessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tordna l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi taqsamha f' zewg porzjonijiet inugwali billi tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili applikabbli fil-kaz ta' abbandun u adulterju bi htija tieghu;

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada darba ghal dejjem mid-dritt ghall-alimenti;

7. Tordna li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili rigward drittijiet successorji fil-kaz ta' separazzjoni;

8. Tiffissa l-alimenti li ghandhom jithallsu mill-konvenut u tikkundanah biex ihallashom;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat it-talba tal-attrici Jeanette Polkey ghall-Ghajnuna Legali datata 8 ta’ Marzu 2002.

Rat id-digriet datat 18 ta’ April 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba w assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri lil Dr. Tonio Azzopardi u lill-P.L. Louisa Tufigno.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-18 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tletin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.  Permezz tal-istess digriet gie nominat Dr. Robert Abela bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden et bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Simon John Polkey, datata 10 ta’ Marzu 2004, a fol. 34, fejn eccepew:

1. Illi l-eccepjenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut;

2. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. Richard Sladden et bhala kuraturi deputati tal-assenti Simon John Polkey, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti, a fol. 35 u fol. 36 tal-process.

Rat in-nota guramentata tal-attrici Jeanette Polkey, datata 5 ta’ April 2004, a fol. 39 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici Jeanette Polkey, datata 5 ta’ April 2004, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta’ April 2004, fejn tablet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tawtorizza lid-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili johrog Passaport lil bintha minuri Lauren Jane Polkey, minghajr il-firma jew kunsens ta’ missierha.

Rat id-digriet datat 13 ta’ April 2004, fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Richard Sladden noe et datata 27 ta’ April 2004, a fol. 51 tal-process.

Rat id-digriet datat 29 ta’ April 2004, fejn il-Qorti cahdet it-talba u f’ dan l-istadju rriservat li tiddeciedi ulterjorment jekk l-attrici jkollha xi program ta’ safar ghall-minuri l-quddiem.

Rat ir-rikors tal-attrici Jeanette Polkey, datat 20 ta’ Mejju 2004, fejn talbet illi din l-Qorti joghgobha tawtorizza l-hrug ta’ passaport ghal bintha Lauren Jane u dan peress li missier il-minuri telaq definitivament minn Malta u ma tafx fejn jista’ jinstab.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta’ Mejju 2004, a fol. 57 tal-process.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Richard Sladden datata 27 ta’ Mejju 2004 a fol. 59 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Gunju 2004 a fol. 60 fejn il-Qorti laqghat it-talba b’ dan li l-kura u kustodja tal-attrici tibqa’ vigenti biss sat-23 ta’ Awissu 2004, meta r-rikorrenti ghandha tipprezenta nota lill-Qorti li l-minuri qieghda Malta.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta’ April 2004, fejn talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, wara li ssir is-seduta tat-3 ta’ Mejju 2004, tghaddi ghas-sentenza sabiex jinghalaq ghal kollox dan il-kapitolu li qed jikkawza hsara psikologika lill-esponenti.

Rat id-digriet datat 6 ta’ April 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 21 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti rat li r-rikors ma harigx ghan-notifika w il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Gunju 2004, fejn Dr. Tonio Azzopardi prezenta nota ta’ cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenut id-Direttur tas-Servizzi Socjali. Dr. Richard Sladden iddikjara li ma ghandux informazzjoni dwar l-indirizz tal-assenti. L-attrici kkonfermat li ma tafx l-istess indirizz tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha l-attrici ceddiet l-atti tal-kawza fil-konfront biss tad-Direttur ghas-Sigurta’ Socjali.

Rat id-Digriet datat 25 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali *stante* li ma jirrizultax li hemm iktar bzonn ta’ tali nomina.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### I) <u>PROVI PRODOTTI</u>

Rat l-affidavit tal-attrici **Jeanette Polkey** li gie prezentat premezz ta’ nota datata 5 ta’ Mejju 2004 u li jinsab minn fol. 42 sa fol. 45 tal-process.

## II) **A<u>PPREZZAMENT TAL</u>-P<u>ROVI</u> P<u>RODOTTI</u>.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut abbanduna Malta u lill-familja tieghu fl-1 ta' Marzu 2002 u dan wara li mill-affidavit attrici jirrizulta li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb. Jirrizulta li meta telaq minn Malta l-istess konvenut ha mieghu l-flus kollha li kellu fid-depositi bankarji li kellu fuq ismu u wara cempel lill-attrici u qalilha li kien ma' tfajla li qabel kien ammetta mal-attrici li kellu relazzjoni adultera maghha, u ma kienx ser jigi lura Malta.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss u fis-sens li ser jinghad f'din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut id-Direttur tas-Servizzi Socjali *stante* c-cessjoni taghhom fil-konfront tal-istess konvenut b'nota datata 24 ta' Gunju 2004, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** fil-konfront tal-konvenut assenti hekk kif rappresentat f'din il-kawza, biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut minhabba adulterju, ingurji gravi w abbandun;

2. Takkorda lill-attrici esklussivament il-kura u kustodja tat-tifla minuri Lauren Jane;

3. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintha ad eskluzjoni tal-konvenut Simon John Polkey;

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mil-1 ta' Marzu 2001;

5. Tiddeciedi din it-talba billi jinghad li fil-fatt ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz *stante* li fil-komunjoni ma' hemm xejn ta' valur, b'dan pero' li l-attrici ghandha zzomm l-ghamara u l-oggetti tad-dar li attwalment jinsabu fil-pussess taghha, anke ghaliex il-konvenut abbuzivament ha' l-flus kollha li l-koppja kellhom depozitati fil-banek lokali, b'dan li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**;

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada darba ghal dejjem mid-dritt ghall-alimenti u mhux biss izda kif inghad qed jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**;

7. Tordna appuntu li jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-interita' taghhom.

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, b'dan li d-dritt ta' manteniment ghall-attrici ghaliha u ghan-nom tal-minuri qed jigi hawn ikkonfermat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------